MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 92/2019 LM

**Malta Dairy Products Limited**

***vs*.**

**Lisa Bella Seisun (K.I. nru. 633782(M))**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Lisa Bella Seisun (K.I. nru. 633782(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-intimata'] mis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ottubru, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti **Malta Dairy Products Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà rikorrenti'] fil-kofront tagħha kif ġej:

> *"...filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba tas-soċjetà MALTA DAIRY PRODUCTS LIMITED u tikkundanna lill-istess konvenuta, LISA BELLA SEISUN, tħallasha s-somma ta' sitt elef disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€6,923.24) għar-raġunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imgħax mill-25 ta' Mejju 2019 id-data tan-notifika tal-konvenuta bir-Rikors promotur, u bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-konvenuta.*
>
> *Kwantu għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta LISA BELLA SEISUN, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà MALTA DAIRY PRODUCTS LIMITED, tiċħad il-kontro-talba bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess konvenuta rikonvenjenti."*

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li l-intimata kienet ġiet impjegata mas-soċjetà rikorrenti għal żmien sena. Skont din tal-aħħar, l-impjieg tagħha kien regolat permezz tal-ftehim għal xogħol *part-time* iffirmat fit-22 ta' Awwissu, 2017[1] b'rata ta' €8 fis-siegħa, iżda l-intimata tikkontendi li dan il-ftehim kien tqatta' u tħassar permezz ta' ftehim ieħor għal impjieg *full-time* b'sigħat imnaqqsa fejn is-salarju kellu jkun ferm iktar fis-somma ta' €35,000. Wara li sar eżerċizzju ta' awditjar min-naħa tas-soċjetà rikorrenti, ġie skopert li l-intimata kienet qegħda filfatt titħallas bir-rata ferm ogħla ta' €16.00 fis-siegħa, u kienet talbet lill-istess intimata sabiex tirrifondi dik il-parti tal-paga tagħha li allegatament tħallset erronejament.

[1] Kopja Dok. E *a fol.* 6.

## **Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fl-14 ta' Mejju, 2019, fejn ħarrket lill-intimata sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti:

> *"...tħallas lis-soċjetà Malta Dairy Products Limited is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u għoxrin Euro u erba' u għoxrin ċenteżmu (€6,923.24), rappreżentanti pagi żejda mħallsa lilek fil-perijodu illi inti kont fl-impjieg mal-kumpannija rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Jannar 2019 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv".*

4. L-intimata eċċepiet s-segwenti: (a) it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux minnu li hija kienet irċeviet paga żejda u l-ftehim esebit flimkien mar-rikors promotur, ma kienx dak iffirmat bejn il-kontendenti, u għalhekk sostniet li għandu jiġi esebit il-ftehim oriġinali; (b) hija kienet tħallset inqas minn dak dovut lilha kif imfisser fil-kontro-talba tagħha; (ċ) salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Permezz tal-kontro-talba tagħha, l-intimata ħarrket lis-soċjetà rikorrenti sabiex:

> *"... tgħid għaliex m'għandkomx tkunu kkundannati li tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' arretrati ta' paga dovuti lill-attriċi fil-perijodu li hija damet f'kuntratt ta' impjieg definit magħkom u dan bejn l-1 ta' Settembru, 2017 u l-31 ta' Awwissu 2018.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-atturi inġunti in subizzjoni."*

5. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet għall-kontro-talba tal-intimata billi eċċepiet kif ġej: (a) it-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (b) l-intimata għandha tressaq il-provi dwar dak allegat minnha għaliex ma kienx jirriżulta li hemm pendenzi dovuta lilha, hija qatt ma ressqet lmenti jew lanjanzi,

u kif kien ser jiġi ppruvat, hija dejjem tħallset il-paga dovuta u saħansitra tħallset iktar minn dak dovut lilha.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi kif ingħad, l-azzjoni esperita mis-soċjetà attriċi hi dik fondata fuq il-kważi kuntratt ta' pagament ta' indebitu ossia dik ta' ripetizzjoni taħt l-Artikoli 1021 u 1022* et sequitur *tal-Kodiċi Ċivili.*

*Kif ritenut in propositu (fn. 5* ***Maria Galea v. Grace Borg*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12.10.2005):-*

"Fil-liġi tagħna l-istitut tal-indebitu hu prospettat taħt żewg speċi: dak soġġettiv jew *ex persona*, tal-kreditur jew tad-debitur, a norma tal-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Ċivili; dak oġġettiv jew *ex re* fit-termini tal-Artikolu 1147 ta' l-istess Kodici.

...

Markatament, din id-diversità tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-każ tal-indebitu *ex persona* il-pagament irid ikun sar bi żball, fil-każ tal-indebitu *ex re* id-debitu li bil-ħlas ġie estint ma jeżistix affattu. Dan jew għaliex qatt ma eżistiet l-kawża oriġinarja tar-rapport *("condictio indebiti sine causa")* jew għaliex din il-*causa* ġiet nieqsa suċċessivament in kwantu annullata jew għax tkun seħħet il-kondizzjoni sospensiva li taħta kienet sottoposta *("condictio indebiti ab causam finitum")*.

...

Rigwardata l-materja mill-punto di vista tal-Artikolu 1022, biex ikun hemm lok għar-ripetizzjoni ta' indebitu jinħtieġ li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u ċjoé:

*(a)* li jkun sar pagament;

*(b)* li dan il-pagament ma kienx dovut;

*(c)* li l-pagament ikun sar bi żball.

*Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-ħlas, l-ineżistenza tal-*causa solvendi *u l-iżball;*

*Ingħad ukoll dwar l-element tal-iżball illi filwaqt li fil-każ tal-*accipiens *(fn. 6 Dak li rċieva l-ħlas) il-ħlas irid ikun perċepit minnu "*sew xjentement jew bi żball*" (fn. 7 Artikolu 1021, Kap. 16), fil-każ tas-*solvens *li jkun ħallas huwa biżżejjed l-iżball, b'dan illi jekk wieħed ikun għamel pagament billi jkun jaħseb bi żball li dak il-pagament kien dovut, filwaqt li fil-verità ma kienx dovut, għandu dritt jirrepeti mir-riċevent il-ħaġa li jkun ħallas (fn. 8* ***Maria Grech v. Filippo Abela****, Qorti tal-Kummerċ, 11 ta' April 1961). Il-fondament tal-azzjoni hu l-prinċipju tal-ġustizzja naturali li ma għandux japprofitta minn żball min ikun irċieva l-ħlas indebitu:* jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem*, żball li "*irid ikun żball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi*" (fn. 9 Ara sentenza a Vol. XXXIII P II p 332) iżda hemm ukoll ġurisprudenza (fn. 10 Per eżempju, Kollez. Vol. XLV P III p 782) li tirritjeni li m'hemmx distinzjoni bejn żball ta' fatt u żball ta' dritt, sakemm, fil-każ ta' żball ta' dritt, dan ikun il-kawża unika jew prinċipali tal-pagament u l-ħaġa ma tkunx dovuta la taħt obbligazzjoni ċivili u lanqas taħt obbligazzjoni naturali.*

"Huwa paċifiku, però, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-solvens, u b'mod speċjali jekk isir il-prova li dak is-solvens kien jaf biċ-ċirkustanzi li mħabba fihom ma kienx tenut għall-ħlas, allura ma għandux dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas." (Kollez. Vol. XLI P I p 76);"

*Dan hu każ ta' ħlas allegatament bi żball da parti tas-*solvens*, is-soċjetà attriċi, u allura jinkombi lilha tipprova li l-elementi tal-azzjoni huma sodisfatti u senjatament, illi l-ħlas lill-konvenuta li qed titlob ir-ripetizzjoni tiegħu f'din l-azzjoni, sar meta ma kienx dovut u sar ukoll bi żball. Effettivament, is-suċċess o meno ta' azzjoni bħal din tistrieħ fuq il-valutazzjoni tal-provi. In propositu ingħad hekk:-*

"... jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-iżball fis-solvens u b'mod speċjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf biċ-ċirkostanzi li mħabba fihom hu ma kienx tenut għall-hlas, allura ma għandux id-dritt għar-ripetizzjoni ta' dak li ħallas, għaliex *indebitum solutum sciens non recte repetit*, u allura f'każ bħal dan, min ikun ħallas ma jkollux raġun jilmenta, u *imputet sibi* jekk kellu xi dannu". *(fn. 11 Kollez. Vol. XLI P I p 76. Ċitata fis-sentenza* ***GasanMamo Insurance Limited v. Untours Insurance Agents Limited nomine****, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inf.), 21.6.2005.)*

*Ikkunsidrat;*

*Mhux kontestat li sar pagament lis-soċjetà attriċi lill-konvenuta in linea ta' paga bir-rata ta' €16.00 fis-siegħa (fn. 12 U sussegwentement fis-somma ta' €16.14 fis-siegħa). Imbagħad, kwantu għall-elementi tal-azzjoni, il-Qorti, wara li għarblet il-provi hi*

*konvinta mhux biss li l-pagamenti li saru mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta fl-imsemmija rata ma kienux dovuti, iżda wkoll li dawn il-pagamenti saru f'sitwazzjoni ta' żball.*

*Biex waslet għall-konklużjoni li l-pagamenti li qed tintalab ir-ripetizzjoni tagħhom, ma kienux dovuti lill-konvenuta taħt l-ebda obbigazzjoni kwalsiasi, il-Qorti qieset diversi fatturi fosthom fuq kollox, il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg esebit fl-atti, iffirmat mill-partijiet fit-22 ta' Awwissu 2017 u wkoll il-fatt li ma ġie prodott fl-atti proċesswali l-ebda prova li in segwitu ġie konkluż ftehim ieħor bejn il-partijiet fejn hu stipolat li l-konvenuta kellha jedd għall-ħlas ta' paga bir-rata ta' €16.00 jew €16.50 fis-siegħa.*

*Il-Qorti hija konvinta li dak li kien jorbot lill-partijiet kien il-kuntratt ta' impjieg iffirmat fit-22 ta' Awwissu 2017 b'obbligazzjoni għall-ħlas ta' paga b'rata ta' €8.00 fis-siegħa biż-żidiet skont l-għoli tal-ħajja applikabbli statutorjament jew skont ftehim kollettiv. Fir-rigward, ħadet qies tal-fatt li kif jirriżulta mix-xhieda ta' Martin Grech, ftit qabel ġie ffirmat dan il-kuntratt tal-impjieg, kien hemm skambju ta' emails bejnu u bejn l-istess konvenuta in segwitu għall-intervista li kellha mal-kumpannija dwar l-impjieg prospettiv, fejn huwa kien ippropona lill-konvenuta impjieg fuq bażi* part-time *bir-rata ta' €8.00 fis-siegħa għal għoxrin siegħa fil-ġimgħa, b'salarju gross fil-ġimgħa fis-somma ta' €160 fost kundizzjonijiet oħrajn (fn. 13 Dok. MG1 – il-konvenuta aċċettat li taħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa bir-rata ta' €8.00). Dawn il-kundizzjonijiet proposti ġew espressament aċċettati mill-konvenuta li mbagħad għaddiet biex tiffirma l-kuntratt tal-impjieg mas-soċjetà attriċi abbażi ta' dan il-ftehim. Ma ġie prodott in atti l-ebda skambju ta' korrispondenza bi proposta jew ftehim bħal dak li xehdet dwaru l-konvenuta: allegazzjonijiet li del resto ġew imċaħħda kategorikament minn Martin Grech.*

*Biex tiġi indirizzata l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta fir-Risposta tagħha, jiġi osservat li għalkemm hija tikkontendi li għandu jiġi prodott l-orġinali tal-kuntratt tal-impjieg tagħha, baqgħet ma ressqitx dan id-dokument fl-atti minkejja li mix-xhieda ta' Martin Grech jirriżulta li l-oriġinal tal-kuntratt jinsab għand il-konvenuta nnifisha.*

*Fil-fatt, il-konvenuta, rinfaċċjata b'din id-dikjarazzjoni, baqgħet ma ċaħditx li l-oriġinal tal-kuntratt kien fil-pussess tagħha u baqgħet ma wriet la kif il-kopja tal-kuntratt li ġiet esebita fl-atti mis-soċjetà attriċi, m'hijiex kopja tal-oriġinal u lanqas liema mill-kundizzjonijiet fil-kuntratt esebit ma kienux applikabbli għall-impjieg tagħha mas-soċjetà attriċi. Huwa minnu li l-konvenuta allegat li dan il-kuntratt ġie mqatta' iżda għall-Qorti, allegazzjoni bħal din, ċioe' li l-konvenuta aċċettat li l-kuntratt tal-impjieg tagħha jitqatta' u jiġi sostitwit b'ieħor b'kundizzjonijiet iktar favorevoli li ma jitniżżlux bil-mitkub, qajla tista' titqies li hi waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Fil-fehma tal-Qorti,*

*persuna li tingħata l-opportunità li tibbenefika minn kundizzjonijiet tal-impjieg iktar favorevoli minn dawk ġià miftiehma, ma tistax tonqos milli tinsisti li jiġi redatt u ffirmat ftehim bil-mitkub bi prova konkreta tal-ftehim verbali u tal-bdil għall-aħjar, multo magis meta l-kundizzjonijiet oriġinali kienu negozjati wara u abbażi ta' skambju ta' korrispondenza bil-miktub.*

*Għall-Qorti, hu evidenti li l-impjieg tal-konvenuta ġiet reġistrata ħażin mal-Jobs Plus bħala impjieg fuq bażi* full-time. *Dan jirriżulta mill-fatt li din ir-reġistrazzjoni ma tikkorrispondix la mal-verżjoni tas-soċjetà attriċi, sostanzjata b'korrispondenza bil-mitkub, li l-ftehim kien li l-konvenuta taħdem erba' sigħat kuljum jew total ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa, u lanqas mal-verżjoni tal-konvenuta nnifisha li tikkontendi li hija ġiet impjegata mas-soċjetà attriċi fuq bażi* full-time reduced hours *wara li l-ewwel kuntratt allegatament tħassar (fn. 14 Hu minnu li fis-sezzjoni intestata* "Wages" *fil-kuntratt tal-impjieg tal-konvenuta, ir-rata ta' ħlas ta' €8.00 fis-siegħa ġiet deskritta bħala "*Full-time Basic Hourly Rate*" iżda huwa manifest minn qari tal-kundizzjonijiet l-oħra tal-impjieg tal-konvenuta, senjatament is-sigħat tax-xogħol* ("Normals hours of work") *speċifikati fil-kuntratt u t-total ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa li kellha taħdem il-konvenuta - kif del resto pattwit fl-iskambju ta' korrispondenza li fiha t-termini u kundizzjonijiet ewlenin tal-impjieg propost - li l-impjieg tal-konvenuta kien fuq bażi* part-time *u mhux* whole-time*). Fil-fatt, fid-dokument prodott mir-rappreżentat tal-Job Plus, imkien ma jinsab indikat li l-impjieg tal-konvenuta kien fuq bażi* full-time *b'sigħat imnaqqsa.*

*Fil-fehma tal-Qorti, ir-reġistrazzjoni tal-impjieg tal-konvenuta mal-Jobs Plus (fn. 15 Dok. LB1 u Dok. JP fol. 88) mhux talli mhu ta' ebda sostenn lill-verżjoni tal-konvenuta li hija ffirmat kuntratt ta' impjieg b'rata ta' paga ta' €16.50 fis-siegħa, talli tikkonforta l-verżjoni tas-soċjetà attriċi li xi ħadd kien irreġistra ħażin l-impjieg tal-konvenuta taħt kategorija li kienet titħallas bir-rata ta' €16.00 fis-siegħa. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-verżjoni li l-konvenuta kienet taħdem fuq bażi* full-time *b'sigħat imnaqqsa mas-soċjetà attriċi tkompli titlef mis-saħħa tagħha għaliex mill-istess dokument li ġie esebit minn Jobs Plus, jirriżulta li* ***fl-istess waqt, bejn il-2 ta' Frar 2018 u l-31 ta' Awwissu 2018, hija kienet impjegata wkoll fuq bażi*** **part-time** ***mal-kumpannija Calls Co. Limited u għalhekk l-asserzjoni tagħha li kienet taħdem ferm iktar sigħat minn dak miftiehem ftit li xejn hija plawsibbli****. Asserzjoni li f'kull każ hi kontradetta mid-dokument anness mar-Rikors promotur (Dok. G) (fn. 16* Salary Analysis for period October 2017 to June 2018) *li juri biċ-ċar li l-medja ta' sigħat li ħadmet l-attriċi f'xahar kienet inqas minn mitt siegħa fix-xahar u hi konformi mal-kundizzjoni rilevanti fil-kuntratt tal-impjieg iffirmat fit-22 ta' Awwissu 2017 (fn. 17 Dok. E anness mar-Rikors promotur).*

*Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-konvenuta nnifisha xehdet li mhijiex ċerta jekk fil-verità ġiex iffirmat kuntratt ġdid tal-impjieg mas-soċjetà attriċi fuq bażi* whole-time

*b'sigħat imnaqqsa b'salarju ta' €16.50 fis-siegħa u effettivament, ma kienetx kapaċi tipproduċi kopja ta' dan il-kuntratt il-ġdid.*

*B'żieda mal-konsiderazzjonijiet appena magħmulin li fil-fehma tal-Qorti jikkonvinċuha li l-ħlas ta' paga b'rata ta' €16.00 fis-siegħa ma kienx dovut lill-konvenuta, hemm ukoll il-konsiderazzjoni illi jekk għal mument kellha tiġi aċċettata l-verżjoni tal-konvenuta li kellha titħallas skont il-kuntratt il-ġdid, rata ta' €16.50 fis-siegħa, il-fatt jibqa' li hija kienet qiegħda effettivament tirċievi paga komputata bir-rata ta' €16.00 fis-siegħa (fn. 18 Talanqas qabel iż-żieda statutorja wara l-31 ta' Diċembru 2017.* ***Ara* payslips *(Dok. F) li juru li l-paga gross f'xahar diviż mill-ammont ta' sigħat maħdum fl-istess xahar, isarraf f'paga b'rata ta' €16.00 fis-siegħa u sussegwentement, ta' €16.14 fis-siegħa), li jfisser li kienet qed titħallas ammont ferm inqas minn dak li hi tallega kien dovut lilha****. Iżda minkejja dan, u minkejja wkoll li jirriżulta anke* ex admissis *li għall-aħħar xahrejn tal-impjieg tagħha mas-soċjetà attriċi, il-konvenuta tħallset bir-rata ta' €8.00 fis-siegħa, ma jirriżultax li l-konvenuta ġibdet l-attenzjoni tal-kumpannija jew qatt ressqet xi lment mad-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, dwar in-nuqqas ta' ħlas sħiħ tas-salarju tagħha (fn. Joe Dimech xehed illi waqt il-laqgħa li kienet saret fil-presenza ta' Robert Cauchi, il-konvenuta fejn inġibdilha l-attenzjoni li kienet ġiet imħallsa paga żejda bi żball, ir-reazzjoni tal-konvenuta kienet kawta ħafna u ma wrietx jekk kienet qed taqbel jew ma taqbilx li rċeviet ammonti żejda mingħand il-kumpannija. Iżda in segwitu meta x-xhud kellimha b'mod informali, hija qalet li ma kienetx indunat li rċeviet paga żejda bi żball u ma kienetx sejra tiddejjaq jekk il-kumpannija tmexxi b'kawża kontriha fil-qorti).*

*Il-Qorti tistenna li kieku verament il-konvenuta kienet impjegata taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk li jirriżultaw mill-kuntratt tal-impjieg tat-22 ta' Awwissu 2017, u kieku verament tħallset inqas minn dak lilha dovut mill-kumpannija, il-konvenuta tgħarraf lill-kumpannija bil-pretensjonijiet tagħha tempestivament,* multo magis *meta ġiet rinfaċċjata bil-pretensjoni tal-istess kumpannija li kienet tħallset paga żejda bi żball u meta bdiet tirċievi paga ferm inqas u f'kull każ, qabel intemm il-perijodu tal-impjieg tagħha. Iżda dan m'għamiltux: mix-xhieda li ressqet il-kumpannija attriċi, jirriżulta li l-konvenuta fl-ebda waqt la meta l-impjieg tagħha skada u lanqas waqt il-laqgħa li ssejħet in konnessjoni mal-ħlas zejjed li rċeviet mingħand il-kumpannija, ma' Robert Cauchi u Joe Dimech, ma invokat il-kuntratt il-ġdid li kienet innegozjat u ffirmat ma' Martin Grech bir-rata ta' ħlas ta' €16.50 fis-siegħa, jew allegat li hija kellha tieħu mingħand il-kumpannija jew ressqet xi pretensjoni simili. Barra dan, l-istess Martin Grech, meta ġie konfrontat b'din l-allegazzjoni tal-konvenuta, innega bl-iktar mod kategoriku li huwa kien offrielha dawn il-kundizzjonijiet tal-impjieg u li ġie ffirmat kuntratt ieħor b'sostituzzjoni ta' dak konkluż fit-22 ta' Awwissu 2017.*

*Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-provi illi l-ewwel darba li l-konvenuta ressqet din l-allegazzjoni kienet proprju fix-xhieda tagħha f'din il-kawża. Martin Grech xehed illi l-konvenuta qatt ma qaltilhom li tħallset inqas u l-kumpannija saret taf bil-pretensjonijiet tagħha waqt is-smigħ ta' din il-kawza. Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Qorti, jimmina mhux ftit l-attendibbilità tal-verżjoni tagħha, iktar u iktar meta jirriżulta li kull xahar sal-aħħar ta' Ġunju 2018, il-konvenuta kienet qed tirċievi medja ta' €40 fix-xahar (gross) (fn. 20 Ikkalkulat fuq ix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2017 – ara* payslips *Dok. F)* ***inqas*** *minn dak li skont it-teżi tagħha, kellu jkun is-salarju tagħha. Ammont li, għal min jaħdem* ***biss*** *għoxrin siegħa fil-ġimgħa u għal min, bħall-konvenuta, jaċċetta l-proposta għall-ħlas bir-rata ta' €8.00 fis-siegħa biss bil-kundizzjoni li jiżdiedu s-sigħat tax-xogħol jew li titħallas* commission *fuq l-ammonti rkuprati bil-ħidma tiegħu, m'huwiex ammont negliġibbli. Għall-Qorti, kieku kienet f'lokha l-verżjoni tal-konvenuta li kellha kuntratt għall-ħlas ta' paga b'rata ta' €16.50 fis-siegħa, kienet mhux biss tinduna bid-diskrepanza fil-paga iżda kienet tesiġi wkoll il-ħlas tal-bilanċ hekk dovut, kważi minnufih.*

*Konformement, il-Qorti hija konvinta illi l-konvenuta ma kellhiex tieħu paga b'rata fis-siegħa ta' €16.00 jew €16.50 taħt l-ebda obbligazzjoni ċivili jew naturali u tqis li ġie sodisfaċjentement ippruvat li l-eċċess tal-paga li tħallset lill-konvenuta, kif reklamat f'din il-kawża, ma kienx dovut lilha u rċevietu bla jedd.*

*Ikkunsidrat;*

*In kwantu mbagħad għall-element ta' żball fil-pagamenti li saru lill-konvenuta, jirriżulta mix-xhieda ta' Martin Grech u Robert Cauchi li d-diskrepanza fil-paga tal-konvenuta inkixfet wara* audit *li sar in konnessjoni mal-pagi tal-impjegati kollha tal-kumpannija fuq struzzjonijiet taċ-Chief Executive Officer il-ġdid tas-soċjetà attriċi, l-istess Robert Cauchi, li ordna li jsir dan l-eżerċizzju hekk kif ġie appuntat fil-kariga għall-ħabta ta' Mejju 2018. Sadanittant, il-konvenuta kienet qiegħda titħallas konsistentement, kull xahar, mill-bidu tal-impjieg tagħha sal-aħħar ta' Ġunju 2018, ammonti in eċċess ta' dak dovut lilha in linea ta' paga. Il-Qorti fehmet illi din id-diskrepanza kienet riżultat tal-fatt illi l-impjieg tal-konvenuta ġie reġistrat fis-sistema tal-*payroll *tas-soċjetà attriċi taħt kategorija ta' impjieg applikabbli għaliha rata ta' ħlas ta' salarju li ma tikkorrispondix ma' dik pattwita espressament fil-kuntratt tal-impjieg iffirmat mill-partijiet. Filwaqt li, kif diġà stabbilit, dak li kien dovut lill-konvenuta taħt il-kuntratt tal-impjieg in linea ta' salarju kienet rata ta' ħlas fis-somma ta' €8.00 fis-siegħa, is-soċjetà attriċi bdiet tħallas lill-konvenuta paga komputata b'rata ta' €16.00 fis-siegħa. Rata li hija d-doppju ta' dak li l-partijiet ftiemhu li hu dovut in linea ta' salarju bażiku.*

*M'hemm l-ebda prova fl-atti li juri li s-soċjetà attriċi ħallset xjentement dak li ma kienx hekk minnha dovut lill-konvenuta. Għall-kuntrarju: jirriżulta appena inkixef dan l-iżball*

*fil-paga, is-soċjetà attriċi bdiet tħallas lill-konvenuta r-rata ta' €8.00 fis-siegħa skont il-kuntratt tal-impjieg tagħha biż-żidiet dwar l-għoli tal-ħajja li kienu intant saru dovuti, u bagħtet għaliha biex tiġbdilha l-attenzjoni dwat dan l-iżball u biex titlob ir-rifużjoni tal-ammont li tħallas lilha indebitament.*

*Ikkunsidrat;*

*Huwa għalhekk stabbilit li l-elementi kollha tal-azzjoni ta' ripetizzjoni jinsabu sodisfatti u l-konvenuta għandha trodd lura l-ammont li rċeviet in eċċess tal-paga tagħha, lis-soċjetà attriċi. Il-korollarju ta' dan hu li t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta, li permezz tagħha talbet il-ħlas ta' arretrati ta' paga fil-perijodu tal-kuntratt tal-impjieg tagħha mas-soċjetà attriċi, mhijiex fondata, mhux talli għaliex ma ntweriex li tħallset inqas minn dak dovut lilha in linea ta' paga, talli tħallset id-doppju ta' dak dovut.*

*Id-dokumenti esebiti fl-atti (fn. 21 Ara Dok. F), senjatament il-prospett Dok. G (fn. 22 Ara Dok.), juru li l-eċċess li ġie mħallas bi żball mis-soċjetà attriċi huwa fl-ammont komplessiv ta' €6,923.24. Ma jidhrix li l-konvenuta tikkontesta l-komputazzjoni* ut sic *tal-ammont li ġie mħallas lilha indebitament u f'kull każ, il-Qorti stess ikkostatat li l-eċċess kif maħdum fuq is-sigħat ta' xogħol indikati, huwa korrett.*

*Ikkunsidrat ulterjorment;*

*Il-Qorti tosserva li s-soċjetà attriċi ma għamlet l-ebda allegazzjoni speċifika li l-konvenuta kienet* in malafede *u li rċeviet paga in eċċess ta' dak li kien dovut lilha taħt il-kuntratt tal-impjieg tagħha, xjentement. Barra dan, ma talbitx li l-imgħax jibda jgħaddi fuq l-ammont reklamat minnha b'ripetizzjoni, jibda jgħaddi minn dakinhar tal-ħlas indebitu skont bl-applikazzjoni tar-regola fl-Artikolu 1023(1) tal-Kodiċi Ċivili, la fir-Rikors promotur u lanqas fl-ebda waqt ieħor tal-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta hi obbligata trodd lura biss il-kapital, bl-imgħax jibda jgħaddi mid-data tan-notifika tal-konvenuta bir-Rikors promotur, ċioé 27 ta' Mejju 2019. Dan qed jingħad għaliex għalkemm is-soċjetà attriċi fir-Rikors promotur għamlet referenza għal ittra ġudizzjarja datata 10 ta' Jannar 2019, hija produċiet fl-atti biss kopja mhux iffirmata ta' din l-ittra. Il-Qorti kienet tkun sodisfatta mhux biss b'kopja legali iżda anke b'kopja fotostatika tal-ittra ġudizzjarja li ġiet effettivament ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti, bin-notifiki relattivi – jekk din ma tiġix kontestata mill-parti l-oħra – iżda l-ebda kopja bħal din ma ġiet akkwiżita fl-atti. Is-soċjetà attriċi produċiet biss kopja fotostatika tal-ittra li suppost ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti (Dok. A mar-Rikors promotur) mingħajr ebda prova li din ġiet hekk preżentata wisq inqas notifikata lill-konvenuta."*

## L-Appell

7. L-intimata ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-16 ta' Novembru, 2022, fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha fir-rigward tat-talba prinċipali tas-soċjetà rikorrenti u tiċħad l-istess talba, tilqa' l-kontro-talba tagħha u b'hekk tikkundanna lis-soċjetà rikorrenti tħallasha s-somma ta' €1,270.50 flimkien mal-ispejjeż taż-żewġ istanzi. Tgħid li l-aggravji tagħha huma s-segwenti: (a) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin fir-rigward tal-kuntratt ta' impjieg; (b) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin dwar ir-reġistrazzjoni ma' *JobsPlus;* (ċ) l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet li l-intimata kienet ilha tirċievi paga bin-nieqes u ma lmentatx mas-soċjetà rikorrenti; u (d) hemm diversi konsiderazzjonijiet ulterjuri li l-ewwel Qorti naqset milli tinvestiga.

8. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat it-tweġiba tagħha waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar, 2023 fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fl-imsemmija tweġiba.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-intimata fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà rikorrenti fir-risposta tagħha.

10. L-intimata permezz *tal-ewwel aggravju* qegħda tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb dwar il-kuntratt ta' impjieg tagħha. Tispjega li fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, hija kienet irrilevat li s-soċjetà intimata kellha tesebixxi l-oriġinal tal-kuntratt ta' impjieg li allegatament kien ġie ffirmat u li kopja tiegħu biss kienet ġiet esebita. Iżda l-ewwel Qorti kkonkludiet li kellha tkun hi li tesebixxi l-oriġinali tal-ftehim ġaladarba kienet qegħda tissolleva l-kwistjoni. Iżda kif jirriżulta mill-affidavit tagħha, hija kienet qegħda tinsisti fuqu għaliex l-oriġinal li jsemmi paga ta' €8 fis-siegħa ma jeżistix, stante li tqatta' quddiemha meta ġie sostitwit b'ieħor, li sfortunatament qatt ma sar bil-miktub. Tispjega li fil-bidu hija kienet aċċettat li taħdem bir-rata ta' €8 fis-siegħa fuq bażi *part-time,* iżda wara xi ftit ġranet is-CCO tal-kumpannija Martin Grech kien qalilha li ser jirranġalha sabiex tibda taħdem minflok *full-time,* iżda bis-sigħat imnaqqsa, filwaqt li spjegalha li l-paga ta' *credit controller* kienet ta' €35,000 fis-sena jew €16.50 fis-siegħa, fejn hija kienet ser tkun obbligata li tmur il-bank bid-depożiti tas-soċjetà rikorrenti. L-intimata qalet li min-naħa tagħha nsistiet li l-ftehim isir bil-miktub, iżda għal xi raġuni min-naħa tas-soċjetà intimata dan qatt ma sar, filwaqt li l-istess Martin Grech qatta' il-ftehim oriġinali quddiemha. Tgħid li huwa għalhekk li l-istess oriġinal qatt ma ġie esebit quddiem l-ewwel Qorti, u l-kopja tiegħu esebita mqar ġiet awtentikata mill-avukat tas-soċjetà rikorrenti. B'riferiment għal dak li qal Martin Grech fix-xhieda tiegħu meta ġie mistoqsi dwar l-insistenza tagħha li jiġi esebit l-orġinal, tissottometti li dak li qal ma jistax jitwemmen. Filwaqt li tirreferi għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 627 tal-Kap. 12, issostni li kuntratt ta' impjieg mhux fl-elenku ta' dawk id-dokumenti li ma jeħtiġux prova tal-awtentiċità tagħhom. Għalhekk il-kopja tal-ftehim esebita mhijiex l-aħjar prova, tgħid l-intimata, u dan fejn hija qegħda

tikkontesta li hemm l-oriġinal li tqatta' u ġie sostitwit bi ftehim ieħor. L-intimata tgħid li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkunsidrat li min-naħa tagħha hija ma ċaħditx li l-oriġinal kien fil-pussess tagħha, iżda baqgħet ma werietx kif il-kopja esebita ma kinitx il-kopja tal-oriġinal u anki liema kundizzjonijiet fil-imsemmija kopja ma kienux japplikaw fil-konfront tagħha. Ittenni għal darb'oħra li l-oriġinal kien tqatta' quddiemha minn Martin Grech, li qalilha li l-kundizzjonijiet tiegħu ma kienux applikabbli iktar u hija kien ser ikollha kundizzjonijiet ġodda iktar favorevoli.

Dwar ***it-tieni aggravju*** tagħha, l-intimata tgħid li l-ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata meta għamlet l-apprezzament tagħha dwar ir-*records* ta' *JobsPlus* fir-rigward tal-impjieg tagħha. Tispjega li minn dawk ir-*records* jirriżulta li hija kienet ġiet reġistrata mis-soċjetà attriċi fuq bażi *full-time* meta dan ma kienx jaqbel mal-ftehim esebit, iżda kien jaqbel ma' dak li fuqu kienet qegħda tinsisti hi, jiġifieri li l-ftehim li ssostitwixxa l-ewwel wieħed kien wieħed għal impjieg *full-time.* Tirrileva wkoll li l-ewwel Qorti osservat li dak li kienet qegħda tisħaq fuqu l-intimata, jiġifieri li hija kienet impjegata bis-sigħat imnaqqsa, ma kienx jidher fir-*records* ta' *JobsPlus,* u din kienet kwistjoni nterna bejn il-prinċipal u l-impjegat, u għaldaqstant din tal-aħħar ma kellhiex tieħu nota tagħha. Hawnhekk l-intimata tiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Kap. 149, u tagħmel ukoll riferiment għal-L.S. 594.17 jew ir-'Regolamenti Fuq Id-Dokumentazzjoni Dwar Ħaddiema Li jibdew Jew Itemmu Impjieg', u tikkontendi li fil-formola li tidher f'dawn ir-regolamenti msemmija, mkien m'hemm talba għal indikazzjoni li l-impjieg *full-time* huwa wieħed bis-sigħat imnaqqsa. B'hekk dan jikkorrabora t-teżi tagħha. L-intimata tissottometti li għalkemm l-ewwel Qorti rrimarkat li ma setax ikun li hija kienet qegħda taħdem *full-time,* meta

mid-dokument ta' *JobsPlus* kien irriżulta li hija kienet impjegata wkoll ma' Calls Ltd fuq bażi *part-time,* ma kien hemm xejn ta' barra minn hawn li persuna tkun impjegata *full-time* u fl-istess ħin ikollha impjieg ieħor *part-time.*

*It-tielet aggravju* tal-intimata huwa li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet li hija kienet ilha tirċievi inqas paga, imma dwar dan qatt ma għamlet ilment mas-soċjetà rikorrenti. Tirrileva li l-paga matul kważi t-tul kollu taż-żmien li hija kienet impjegata mas-soċjetà rikorrenti, kienet kif kienet qegħda ssostni, jiġifieri madwar €16.50 fis-siegħa. L-intimata tgħid li kien biss fl-aħħar xahrejn f'Lulju u f'Awwissu tas-sena 2018 li hija tħallset €8 fis-siegħa, u l-*email* tas-soċjetà rikorrenti kienet intbagħtet f'Lulju 2018 sabiex tiġbed l-attenzjoni tagħha dwar l-allegat żball. B'hekk ma kienx hemm lok li hija tressaq ilment, iżda pjuttost li s-soċjetà intimata tilmenta li allegatament hija kienet tħallset żejjed.

*Ir-raba' aggravju* tal-intimata jolqot diversi punti. Tibda billi tirrileva li wieħed jista' jifhem li jsir ħlas żbaljat tal-paga għal xahar jew xahrejn, iżda fil-każ odjern is-soċjetà rikorrenti qegħda tilmenta li l-iżball imur lura għal Settembru 2017 sa Ġunju 2018, jiġifieri disa' xhur sħaħ. L-intimata tirrileva wkoll li in kontro-eżami, ir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti qalu li l-intimata ma kienet għamlet l-ebda talba mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex tirkupra lura t-taxxa li hija kienet ħallset żejjed. L-intimata tgħaddi mbagħad sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għax-xhieda tal-imsemmija rappreżentanti dwar l-ittra tas-soċjetà rikorrenti fejn talbet lill-intimata rifużjoni ta' dak imħallas żejjed, għaliex mhuwiex ċar jekk l-ittra saritx qabel jew wara l-laqgħa ta' bejn il-partijiet. Dan filwaqt li rriżulta li hija ma kinitx qablet ma' dak issuġġerit lilha, u talbet li

tirregola ruħha. Tikkontendi li jirriżulta li hija kellha titħallas tal-paga li tnaqqsitilha, proprju l-mertu tal-kontro-talba tagħha. L-intimata tirrileva li mir-rendikont imħejji mis-soċjetà rikorrenti, ma jirriżultawx is-sigħat li hija ħadmet, iżda meħud in konsiderazzjoni x-xahar li fih ħadmet l-inqas, jirriżulta li s-sigħat maħduma kienu 77 u bis-€16.50 fis-siegħa t-total kellu jkun taħ €1,270.50.

11a. Min-naħa tagħha, is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. Dwar l-ewwel aggravju tal-intimata, tibda billi tirrileva li din tal-aħħar hawn qegħda tistrieħ fuq prova waħda li hija l-affidavit tagħha stess. Tgħid li dan saħansitra juri li ċ-ċertezza tal-intimata bdiet tonqos matul il-proċeduri. Is-soċjetà rikorrenti tiċċita dak li qalet l-ewwel Qorti dwar il-ftehim ta' bejn il-partijiet, u tiddikjara li hija taqbel għal kollox mal-ħsieb tagħha. Tikkontendi li l-intimata min-naħa tagħha m'għandha l-ebda prova u l-allegazzjoni tagħha tirriżulta waħda fittizja. Tirrileva li (a) l-ewwel darba li l-intimata semmiet li l-kuntratt kien tqatta' quddiemha minn Martin Grech kien proprju fl-affidavit tagħha; (b) is-soċjetà rikorrenti sussegwentement setgħet biss tiċħad din l-allegazzjoni, kif għamel ukoll ix-xhud Martin Grech. Issostni li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha, hekk kif ikkunsidrat fil-fond il-fatti u l-provi kollha quddiemha, u dan jirriżulta mis-sentenza appellata stess. Dwar it-tieni aggravju, is-soċjetà rikorrenti b'riferiment għax-xhieda ta' Martin Grech, tikkontendi li hija saħansitra ressqet wkoll iktar provi quddiem l-ewwel Qorti sabiex turi li l-intimata ma kinitx taħdem fuq bażi *full-time,* u tgħid li hija m'għandhiex x'iżżid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fil-konklużjoni tagħha. Dwar it-tielet aggravju tal-intimata, is-soċjetà rikorrenti tagħti rendikont tal-fatti kif ġraw, u ssostni li skont is-sens komun u l-loġika, persuna li tinqata' l-paga tagħha bin-nofs, għandha tqajjem

ilment, anki jekk verbalment, fil-laqgħa mal-kumpanija, permezz ta' *emails,* eċċ. Tikkontendi li l-intimata dejjem kienet taf li kuntratt wieħed kien hemm, u li hija ma kellhiex titħallas bir-rata ta' €16 fis-siegħa. Is-soċjetà rikorrenti tirrileva li l-ewwel Qorti kienet konvinta li l-verżjoni tal-intimata ma kinitx konvinċenti, u ċċitat silta mis-sentenza appellata sabiex turi l-ħsibijiet tal-ewwel Qorti. Dwar ir-raba' aggravju, tgħid li għal dak li jirrigwarda l-fatt li s-soċjetà rikorrenti ma ndunatx bl-iżball tagħha mill-ewwel, tispjega li hija kienet offriet spjegazzjoni ċara u konsistenti quddiem l-ewwel Qorti, kif ikkorraborata minn diversi xhieda, li wħud minnhom mhumiex impjegati tagħha. Issaqsi kif l-intimata kienet naqset milli tressaq ilment meta l-paga tagħha tnaqqset ħesrem bin-nofs għal xhur sħaħ. Tgħid li huwa ironiku tassew li l-intimata ħasset li għandha tikkummenta fuq id-"diżgwid fix-xhieda", meta l-verżjoni tagħha dejjem kienet waħda ċara u konsistenti, filwaqt li l-intimata ma kinitx, u saħansitra fl-affidavit tagħha weriet inċertezza meta qalet *"jidhirli li kien sar kuntratt ieħor bejni u bejnu".* Tirrileva li quddiem l-ewwel Qorti l-intimata qatt ma kienet għamlet talba għall-ħlas ta' €1,270.50, u saħansitra qatt ma tressqu provi sabiex jiġġustifikaw din it-talba. Hawnhekk is-soċjetà rikorrenti tirrileva li kif tenut diversi drabi fil-ġurisprudenza, ma jistgħux jitressqu kwistjonijiet quddiem Qorti tal-Appell li ma kienux tressqu quddiem l-Ewwel Qorti, u dan filwaqt li tiċċita dak li qalet din il-Qorti kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **George Abela *vs.* Joseph Cortis nomine** deċiża fis-27 ta' Lulju, 2007. Tagħlaq billi tissottometti li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kienet imsejsa fuq konvinzjonijiet li saru wara analiżi tajba ferm tal-provi prodotti mill-partijiet matul it-trattazzjoni tal-kawża, u għaldaqstant titlob li l-aggravji tal-intimata għandhom jiġu miċħuda.

12. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra dak li qalet l-ewwel Qorti dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet. Qabel xejn għarfet li l-azzjoni odjerna hija waħda msejsa fuq il-kważi-kuntratt ta' pagament ta' indebitu jew ta' ripetizzjoni skont l-artikoli 1021 u 1022 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili, u għaddiet sabiex iċċitat dak li qalu l-Qrati dwar dan l-istitut. Stqarret li l-każ odjern jittratta ħlas li allegatament sar bi żball min-naħa tas-*solvens* jew is-soċjetà rikorrenti, u b'hekk din kellha turi li jirriżultaw l-elementi tal-azzjoni tagħha, jiġfieri li l-ħlas sar meta ma kienx dovut u sar bi żball. L-ewwel Qorti ddikjarat li hija kienet tal-fehma li l-ħlasijiet magħmula lill-intimata filfatt ma kienux dovuti, u hawn spjegat li hija kienet ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom qabel xejn il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg tal-intimata li kien ġie ffirmat bejn il-partijiet fit-22 ta' Awwissu, 2017, u l-fatt li ma saret l-ebda prova ta' ftehim ieħor bir-rata ta' €16.00 jew €16.50 fis-siegħa. L-ewwel Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni x-xhieda ta' Martin Grech, u qieset li ma ġie esebit l-ebda skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet li setgħet turi li kien hemm suġġeriment jew ftehim ieħor bħal dak li kienet xehdet fuqu l-intimata, u li Martin Grech ċaħad. Osservat li għalkemm l-intimata kienet eċċepiet permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha li għandu jiġi prodott il-ftehim oriġinali, hija stess baqgħet ma pproducietx l-imsemmi dokument, u dan fejn Martin Grech xehed li l-oriġinal jinsab għandha. Iżda hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti għaliex minn imkien ma jirriżulta fix-xhieda tiegħu li dan huwa l-każ. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment partikolari għax-xhieda ta' Martin Grech waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2022, fejn *in kontro-eżami* wieġeb kif ġej:

*"Avv: Issa, il-kuntratt ta' impjieg, naqblu li normalment l-oriġinali jinżamm għandkom u li kopja tagħtu lill-impjegati?...*

*Xhud: Mhux dejjem, ġieli jagħmlu ġiex kopji oriġinali u jagħti waħda lil xulxin, ġieli jagħmlu waħda u tinżamm mill-MDP u jagħtu kopja.*

*Avv: Hija normali li kumpannija żżomm photocopy biss ta' kuntratt?*

*Xhud: Proċeduri tal-HR, ma nafx eżattament kif iħaddmuha, skużani, jista' jkun ehe li forsi ngħatat l-oriġinali u żammew kopja, ehe jista' jkun"*

13. Minn din ix-xhieda tiegħu, jirriżulta li Martin Grech qatt ma qal li l-oriġinal jinstab għand l-intimata, u pjuttost jirriżulta biċ-ċert li s-soċjetà rikorrenti dejjem iżżomm l-oriġinal jew wieħed miż-żewġ oriġinali li jkunu ġew iffirmati mill-partijiet. Il-Qorti tqis li din il-verżjoni hija l-iktar viċin dak li jiġri fil-kamp tal-impjiegi, u għalhekk ix-xhud kien inċert għal kollox dwar il-possibilità li l-oriġinal seta' ingħata lill-intimata, u s-soċjetà rikorrenti żammet biss kopja tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata, partikolarment għaliex il-kopja esebita saħansitra mhijiex awtentikata kif għandha tkun, u fin-nuqqas ta' prova tal-ftehim permezz tal-oriġinal tiegħu, hija kienet tenuta tqajjem suspett dwar dak li seta' ġara minnu, ġaladarba s-soċjetà rikorrenti ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar fejn dan kien jinsab. Wara kollox, ġaladarba affaċċjata b'tali eċċezzjoni, kien jinkombi fuq is-soċjetà rikorrenti li twieġeb għaliha, anki permezz tad-debita prova u mhux il-kuntrarju kif ippretendiet l-ewwel Qorti.

14. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-allegazzjoni tal-intimata li l-imsemmi ftehim tqatta'. Qalet li mhux daqstant raġonevoli li din ħalliet li l-kuntratt ta' impjieg tagħha jitqatta' u jiġi sostitwit b'ieħor b'kundizzjonijiet iktar favorevoli, mingħajr ma jsir bil-miktub. Iżda l-Qorti hawnhekk ma tistax ma tqisx il-verżjoni tal-intimata dwar dak li tassew ġara, u dak li qalilha Martin Grech qabel il-ftehim allegatament tqatta' minn dan ix-xhud stess. Fl-affidavit tagħha spjegat kif dan

kien sejħilha fil-bidu ta' Awwissu 2017, xi jumejn qabel ma kellha tibda xogħol mas-soċjetà rikorrenti, fejn qalilha sabiex ma taċċettax l-ewwel ftehim billi hu kellu xogħol ieħor lest għaliha bħala *credit controller* b'paga ta' €35,000, iżda bis-sigħat imnaqqsa. L-intimata qalet li hija kienet aċċettat, u b'hekk bdiet taħdem, iżda dan filwaqt li bdiet ukoll tinsisti fuq kuntratt ġdid minflok dak li kellha. Madankollu Martin Grech kien jgħidilha sabiex ma tinkwetax u tħalli f'idejh. Kien hawnhekk li tgħid li huwa kien għajtilha fl-uffiċċju tiegħu u qatta' l-oriġinali tal-ewwel ftehim quddiemha sabiex iserħilha rasha li dan ma kienx għadu jgħodd. Il-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li ssibha diffiċli tassew li taċċetta li dan kollu ma jistax ikun minnu, u li l-intimata ppreżentat din l-istorja fittizzja kollha kif inhi lill-ewwel Qorti. Tagħraf ukoll li s-soċjetà rikorrenti ma kkontestatx din il-verżjoni tal-intimata, għajr għall-allegat fatt li l-ftehim tqatta', permezz ta' prova kuntrarja jew imqar permezz tal-kontro-eżami tal-intimata. Għalhekk għandha tingħata kunsiderazzjoni u għandha tittieħed bħala spjegazzjoni tal-fatt li l-intimata ma baqgħetx tinsisti iktar fuq il-ftehim, meta l-Qorti tosserva li saħansitra l-paga li kienet qegħda tirċievi kienet tirrifletti dak miftiehem verbalment. Iżda hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-intimata naqset milli tipproduċi kopja ta' dan il-ftehim, iżda tirrileva wkoll li fl-affidavit tagħha hija kienet pjuttost vaga dwar jekk filfatt dan fl-aħħar kien sar bil-miktub u qalet li jekk dan kien il-każ, hija ma kellha l-ebda kopja.

15. L-ewwel Qorti tgħid li għalhekk l-impjieg tal-intimata ġie reġistrat ħażin ma' *JobsPlus* bħala wieħed *full-time,* għaliex ma kienx jirrifletti l-verżjoni tal-fatti kif spjegati mis-soċjetà rikorrenti, kif sostanzjata saħansitra permezz ta' korrispondenza bil-miktub, u lanqas il-verżjoni tal-intimata li hija kellha tkun

impjegata fuq bażi *full-time* bis-sigħat imnaqqsa. Iżda hawnhekk il-Qorti tqis li kif sewwa tirrileva l-intimata fir-rikors tal-appell tagħha, il-fatt li hija kellha taħdem b'sigħat imnaqqsa ma kienx rilevanti għal *JobsPlus,* stante li din hija kwistjoni bejn il-prinċipal u l-impjegat, u għalhekk m'hemm l-ebda indikazzjoni tiegħu kemm f'Dok. JP a *fol.* 88 u anki f'Dok. LB1 a *fol.* 93. Il-fatt li l-intimata kienet ukoll reġistrata li kellha mpjieg *part-time* fl-istess ħin mas-soċjetà Calls Co. Limited, ma jistax inaqqas mill-veraċità tal-verżjoni tal-intimata kif ikkontendiet l-ewwel Qorti, u dan għaliex l-intimata kienet libera li tagħmel xogħol ieħor fil-ħinijiet l-oħra tagħha.

16. Il-Qorti wkoll ma tara xejn barra minn loku li l-intimata, kif ippretendiet l-ewwel Qorti, naqset li tieħu xi forma ta' azzjoni meta hija bdiet titħallas bir-rata ta' €8 fis-siegħa, għaliex l-ispjegazzjoni li tat fl-affidavit tagħha tista' tiġi aċċettata wkoll fid-dawl tal-fatt li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar ir-rata iktar favorevoli għaliha, iżda biss il-kelma ta' Martin Grech, li skont hi kienu hu li effettivament jmexxi l-attività tas-soċjetà rikorrenti.

17. Meħud dan kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti ma tikkunsidrax li l-pagamenti żejda kienu riżultat ta' żball ta' xi mpjegat/a tas-soċjetà rikorrenti, skont kif din qegħda tikkontendi. Tispjega b'riferiment għax-xhieda ta' Martin Grech mogħtija waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2022, li skont dan ix-xhud il-paga li kienet qegħda titħallas lill-intimata ma setgħetx taqa' taħt il-*payroll* li kienet responsabbiltà tal-*HR Officer,* li l-paga tagħha kienet saħansitra ta' €24,000 jew €25,000. Iżda kellha tkun responsabbiltà tiegħu, u l-Qorti tgħid li hu kien jaf sew dak li kien ħaqqha l-intimata skont il-ftehim verbali li kellu magħha.

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravji tal-intimata huma ġustifikati, u tilqagħhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-intimata billi tilqgħu, u b'hekk tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha dwar it-talba prinċipali, tiċħad l-istess talba prinċipali, tilqa' il-kontro-talba tal-intimata u tikkundanna lis-soċjetà rikorrenti sabiex tħallas lill-istess intimata s-somma ta' elf mitejn u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€1,270.50), bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**